32007D0244

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2007/244/PESK

tat-23 ta' April 2007

li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun ta' Darfur fis-Sudan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/557/PESK tat-18 ta' Lulju 2005 dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun ta' Darfur fis-Sudan [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(1) tiegħu, flimkien ma' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2006 adotta d-Deċiżjoni 2006/725/PESK [2] dwar l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad- Darfur fis-Sudan, li estendiet il-finanzjament għall-komponent ċivili tagħha sat-30 ta' April 2007.

(2) Sa meta ssir it-tranżizzjoni tal-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana (UA) għal operazzjoni ibrida NU/UA, il-Kunsill, konformement ma' l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2006/486/PESK [3], iddeċieda li jkompli l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun ta' Darfur fis-Sudan.

(3) Għalhekk, fir-rigward tal-komponent ċivili, huwa meħtieġ li l-Kunsill jiddeċiedi dwar il-finanzjament tal-kontinwazzjoni ta' din l-azzjoni ta' appoġġ.

(4) L-azzjoni ta' appoġġ sejra ssir fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiħżien u li tista' tagħmel ħsara lill-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri l-infiq relatat ma' l-implimentazzjoni tat-Taqsima II ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK mill-1 ta' Mejju 2007 sal-31 ta' Ottubru 2007 għandu jkun ta' EUR 2 125 000. Dan l-ammont għandu jkopri l-perijodu tal-mandat attwali tal-Missjoni ta' l-UA fir-reġjun ta' Darfur fis-Sudan (AMIS) u perijodu transizzjonali sussegwenti li jwassal għal transizzjoni, eventwalment possibbli, għal operazzjoni ibrida NU/UA.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandu jiġi amministrat skond r-regoli u l-proċeduri tal-Komunità Ewropea applikabbli għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni li kwalunkwe pre-finanzjament m'għandux jibqa' l-proprjetà tal-Komunità.

Iċ-ċittadini ta' Stati terzi għandhom ikunu permessi jippreżentaw offerti għal kuntratti.

3. L-infiq għandu jkun eliġibbli mill-1 ta' Mejju 2007.

Artikolu 2

Il-Kunsill għandu jevalwa, mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2007, jekk għandhiex titkompla l-azzjoni ta' appoġġ mill-UE.

[1] ĠU L 188, 20.7.2005, p. 46.

[2] ĠU L 296, 26.10.2006, p. 24.

[3] Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/486/PESK tal-11 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun ta' Darfur fis-Sudan (ĠU L 192, 13.7.2006, p. 30).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 23 ta' April 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
F.-W. STEINMEIER